# 1. Kif jaħdem l-assessjament

Jekk għandek bżonn għajnuna biex tagħmel faċendi bażiċi fid-dar jew servizzi aktar intensivi tal-kura tal-anzjani, iċ-Ċentru tal-Kuntatt ta' My Aged Care (1800 200 422) jista'  jgħinek. L-istaff tal-kuntatt taċ-ċentru ser jgħinuk  tara x'sapport għandek bżonn u jekk għandekx bżonn assessjament bla ħlas biex tkun tista' taċċessja s-servizzi.

Xu wħud  iħossuhom imħassba dwar l-idea ta' assessjament, imma dan hu sempliċ iment mezz kif naraw  kemm għandek bżonn għajnuna u  x'tipi ta' kura u servizzi għandek bżonn u li int tkun eliġibbli għalihom. Dan kollu hu dwar kif ser naraw x'inhu l-aħjar għalik.

Matul l-assessjament tiegħek, ftakar li, ix-xewqat tiegħek dejjem ser jinstemgħu u jiġu kkonsidrati, u li int qatt mhu ser tiġi sfurzat tieħu kwalunkwe deċiżjoni dwar il-futur tiegħek. L-assessjament hu opportunità biex nidentifikaw l-għażliet li hemm u int tkun tista' tieħu deċiżjoni hekk kif tirċievi r-riżultat tal-assessjament tiegħek.  Int tista' tara li jkun hemm xi ħaddieħor – forsi xi membri tal-familja, ħabib jew il-kerer tiegħek – li jkun miegħek matul l-assessjament tiegħek għal aktar sapport.

## Il-proċess tal-assessjament

Jekk qed tfittex għajnuna biex taċċessja servizz tal-kura tal-anzjani, l-istaff taċ-Ċentru tal-Kuntatt ser jirreġistrawk ma' My Aged Care (Il-Kura Tal-Anzjani). Int tista' tikkuntattja liċ-Ċentru tal-Kuntatt fuq 1800 200 422.

L-istaff taċ-Ċentru tal-Kuntatt ta' My Aged Care  ser jistaqsik serje ta' mistoqsijiet biex nifhmu l-ħtiġijiet tiegħek. Ser jistaqsuk mistoqsijiet dwar is-sapport li qed tirċievi bħalissa, jekk għandekx xi tħassib dwar saħħtek, kif qed timmaniġġja l-faċendi madwar id-dar u xi mistoqsijiet dwar is-sigurtà ġo darek.

Matul it-taħdita, ser jiddiskutu miegħek xi għażliet, li jistgħu jinkludu li tkun irreferut għal assessjament tas-sapport fid-dar, assessjament komprensiv jew direttament għal xi servizzi (fejn ikun jgħodd dan).

### Assessjament ta' Sapport fid-Dar

Assessjament tas-sapport fid-dar (home support assessment) jista' jiġi organizzat jekk int  għandek bżonnijiet tal-kura tal-anzjani  illi, jekk dawn jiġu moqdija, ifisser li int tista' toqgħod tgħix f'darek u fil-komunità tiegħek mingħajr periklu. L-assessjament tas-sapport fid-dar ser jibni fuq it-tagħrif li int diġà tajt lil My Aged Care. Assessjament tas-sapport fid-dar ser isir minn assessjatur lokali mis-Servizz tal-Assessjament Reġġjonali ta' My Aged Care.

## Tim tal-Assessjament tal-Kura tal-Anzjani (Aged Care Assessment Team) (ACAT)

Assessjament komprensiv tal-ACAT (comprehensive ACAT assessment) jista' jiġi organizzat jekk għandek bżonnijiet komplessi tal-kura tal-anzjani u tixtieq taċċessja servizzi biex jgħinuk tibqa' tgħix f'darek, jew jekk qed taħsibha  għandekx tmur f'dar tal-kura tal-anzjani. Assessjament komprensiv jista' wkoll jiġi organizzat jekk int lest tħalli l-isptar, jew jekk għandek bżonn ta' serħan ta' kura għal żmien qasir (kura tar-respajt) f'dar tal-kura tal-anzjani. Assessjament komprensiv ser jibni fuq it-tagħrif li int diġà tajt lil My Aged Care  u ser isir minn membru tat-Tim tal-Assessjament tal-Kura tal-Anzjani. Assesjamenti komprensivi jiddeterminaw jekk intix eliġibbli għall-kura tas-servizzi tal-anzjani bħall-Pakketti tal-Kura fid-Dar, kura permanenti jew ta' respajt f'dar tal-kura tal-anzjani jew Kura Transizzjonali .

---

My Aged Care 1800 200 422

Translating and Interpreting Services (TIS) (Servizzi tat-Traduzzjoni u tal-Interpretar) 131 450